6 ta' Gunju, 1949

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Wiġi Abela (*)

**Estetika — Reat Istantaneu u Reat Permanenti — Preskrizzjoni — Art. 14 tal-Kap. 135 u Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 441 ta' l-1935.**

*Fl-applikazzjoni tal-kriterji li jiddistingwu reat istantaneu minn reat permanenti wieħed għandu joqgħod attent għall-lokuzzjoni adoperata mill-liġi fil-każ partikulari.*

*Il-Liġi dwar l-Estetika tirreprimi mhux biss il-fatt li jitqiegħed avviż, ecc., permanenti bla permess tal-Board ta' l-Estetika, imma anki l-fatt li dak l-avviż, ecc. jibqa' mqiegħed; u għalhekk il-fatt ta' min jiżbogħ mill-ġdid jew iġedded avviż permanenti fuq ħajt fil-publiku mingħajr dak il-permess huwa reat permanenti; b'mod li l-preskrizzjoni ma tibdiex tgħaddi minn meta jsir il-fatt tat-tqegħid jew ġeddid ta' l-avviż, imma tibda tiddekorri minn meta tispiċċa l-permanenza ta' dik il-vjolazzjoni.*

L-imsemmi Abela ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni illi f'Għajn Tuffieħa, limiti ta' l-Imġarr, żebagħ ittri "The Riviera Hotel" fuq il-ħajt mingħajr il-permess tal-Board ta' l-Estetika;

Dik il-Qorti, bis-sentenza tagħha tat-8 ta' April 1949, iddikjarat l-azzjoni preskritta, u għalhekk illiberat lill-imputat;

L'Attorney General appella;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

L-appell hu ammissibili bħala magħmul mill-Prosekuzzjoni, għaliex hemm involut pont tal-liġi, jiġifieri jekk ir-reat hux istantaneu jew permanenti. Il-Maġistrat irriteniel istantaneu. Jekk hu istantaneu, allura t-terminu preskrizzjonali jibda jgħaddi minn mindu jsir il-fatt vjolatur, u f'dan il-każ, skond il-provi akkwiżiti għall-proċess, iż-żmien ikun għadda; jekk ir-reat hu permanenti, allura l-preskrizzjoni ma tibdiex tgħaddi ħlief mill-ġurnata li fiha tispiċċa l-azzjoni permanenti li tkun qiegħda tivvjola l-liġi;

---

(*) Ara sentenza f'sens kuntrarju—Appell Kriminali, 17 ta' Gunju 1950, "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" (publikata fil-Volum XXXIV).

Il-kwistjoni meta r-reat hu istantaneu u meta għandu jitqies permanenti ġiet eżaminata diversi drabi fil-ġurisprudenza, kif jidher mis-sentenza ta' l-Imħallef sedenti fil-kawża App. Krim. "Il-Pulizija vs. Bartoli", 4 ta' Ġunju 1938. F'dik is-sentenza, kif ukoll fl-oħra reċenti "Il-Pulizija vs. Camilleri", tal-25 ta' Jannar 1949, ġew traċċjati l-kriterji regolaturi. Hu utili li jiġi ribadit illi hu ta' l-akbar importanza fl-applikazzjoni ta' dawna l-kriterji ġenerali wieħed joqgħod attent għal-lokuzzjoni adoperata mill-liġi fil-każ partikulari; għaliex minħabba dik il-lokuzzjoni l-konsegwenzi jistgħu jkunu diversi, bla ma b'daqshekk jiġu mbiddla l-kriterji fil-ġeneralità tagħhom;

Issa, bħala fatt, ma hemmx kuntrast li l-imputat reġa' żebagħ fuq il-lukanda minnu ġestita l-ittri "The Riviera Hotel" bla ma ħa l-permess tal-Board ta' l-Estetika;

Issa, il-liġi applikabili għall-każ hi l-Kap. 135, art. 14, u r-regolamenti magħmula in forza ta' dak l-artikolu bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 441 ta' l-1935;

Il-punt hu: meta wieħed jeżamina l-lokuzzjoni tal-liġi, x'riedet timpedixxi skond il-lokuzzjoni minnha adoperata?

Fir-regolament nru. 2 ta' l-imsemmija Notifikazzjoni — għal dak li hu rilevanti għal dan il-każ—il-liġi qalet "........ nor shall any existing permanent advertisement be........... renewed............". Mela l-liġi kkontemplat "permanent advertisement", u fl-ewwel regolament, fid-definizzjoni ta' "permanent advertisement" uriet li kienet qiegħda tikkontempla mhux "poster", li jispiċċa malajr, iżda avviż ta' xorta tali li jkun pjù o meno permanenti. Għal "temporary posters" hemm provvedimenti oħra;

Dan kollu juri ċar li l-liġi riedet tirreprimi mhux biss il-fatt li jitqiegħed avviż eċċ., bla permess tal-Board, imma l-fatt li jibqa' mqiegħed; għaliex diversament ma kienx ikun hemm sens fil-kelma "permanent";

Mela, la l-oġġett ġuridiku tar-reat kontemplat mill-liġi hu l-"permanenza" ta' avviż eċċ., ir-reat huwa permanenti;

L-imputat għalhekk kiser il-liġi;

L-appell għalhekk hu milqugħ, is-sentenza appellata mħassra, l-imputat dikjarat ħati skond iċ-ċitazzjoni, u l-Qorti, wara li rat l-art. 14 tal-Kap. 135 u r-regolament fuq imsem-

mi, u l-art. 7 tal-Kap. 12, tikkundannah *għall-piena ta' l-ammenda* ta' 10s., u tordna li l-avviż jitneħħa fi żmien xahar; salv li f'dan iż-żmien, oriġinarju jew prorogat, skond it-tielet subartikolu ta' l-art. 14, l-imputat ma jottenix il-permess tal-Board (jekk dan jikkonċedih) biex l-avviż jibqa', purkè jiġi modifikat skond id-direttivi tal-Board.